# TIFKIRIET TA' RUŻAR BRIFFA

Ta' ĠANNI BONNICI

L-EWWEL darba li smajt l-isem ta' Rużar Briffa kien meta ftaħt il-Grammatka ta' Dr. A. Cremona u qrajt silta mill-poeżija *Lil Ommi.* Din l-istrofa li kienet tibda

*Fejn taf għażiż'ommi*

baqgħet imwaħħla f'moħħi u l-ewwel darba li kelli ħin niftaħ it-tieni ktieb tal-*Ward ta' Qari Malti,* qallibtu kollu biex nara nsibx dik l-għanja mexxejja u sabiħa. Iżda kien kollu ta' xejn.

Erġajt qallibtu mill-ġdid, għax ħsibt li fl-ewwel tfittix kienet ħarbitli minn taħt għajnejja. Biss, nista' ngħid, dik it-tfittxija, għalkemm għalxejn, swietli biex nara għanja oħra, għanja li tbikki imma, fl-istess waqt, li tgħallem, l-għanja ta' l-imġiddem imnikket għaliex m'għandux x'joffri lill-Madonna imma li għandu tama sħiħa, qawwija u bla miksura, li din tista' tfejqu.

Għadda ż-żmien u, bħala tħejjija għad-dħul fl-Università, ħtieġli nieħu xi ftit privat biex ngħaddi mill-Matrikola tal-Malti. Dan, niftakar sew, kien fl-1960.

F'waħda mill-lezzjonijiet, l-għalliem beda jfissrilna l-*Għanja ta' l-Imnikket.* Iżda qabel ma bdielna qalilna hekk: "Jekk tridu tifhmu dil-poeżija jkollkom ta' bil-fors tisimgħu l-ġrajja tagħha għaliex hi marbuta magħha". Qalilna li meta l-kittieb kien tabib tal-isptar tal-lebbrużi, mar fuqu l-kappillan li kien marid ukoll u b'leħen miksur qallu "Int ktibt fuq ħafna nies, għaliex ma tiktibx xi ħaġa fuqna?"

Dak il-ħin ġibt quddiem għajnejja lil Rużar Briffa bil-qiegħda fuq magħad quddiem il-mikteb jagħmel minn kollox biex itemm l-għanja u malli jispiċċaha jagħtiha lill-kappillan li, bid-dmugħ iġelben ma' ħaddejh, jiżżih ħajr.

Kif wasalt id-dar qbadt naqraha. Ħassejt id-dmugħ jaħraq ma' ħaddejja u għedt li l-poeta kien jaf iħoss għal dawk li jgħixu madwaru.

Dawn il-ħsus kibru meta s-sena l-oħra qrajt l-artiklu tiegħu fuq Dun Karm. Meta wasal biex jitkellem fuq it-tabib Bonnici, sieħbu ma qalx ħlief xi sitt kelmiet. Dawk il-kelmiet meta taqrahom u tixtarrhom issib li kienu tassew ħerġin mill-qalb ta' ħabib.

Illum it-tabib Briffa m'għadux magħna. Iżda jekk miet hu, l-għanja

tiegħu tibqa' u magħha jibqgħu t-tifkiriet sbieħ li tħalli għanja ta' dik il-għamla.

U issa bħala wirja ta' qima lil missier il-*Għaqda* tagħna ktibtlu dan is-sunett:

## LIL RUŻAR BRIFFA

*Miet Missier il-Għaqda, miet Briffa t-Tabib,*
*Hekk ġriet l-aħbar li ħasditna bħal berqa*
*Waħna ulied l-Għaqda, Missier, tlifna ħabib*
*U sħetna l-mewt, għax għamlet din is-serqa.*

*Int mitt; ġismek jitmermer, iżda tibqa'*
*L-kitba tiegħek, oħla w tfuħ iżjed mill-ward,*
*Il-kliem sabiħ, Rużar, warajk għad jibqa'*
*Bih issaħħar aktar nies milli saħħart.*

*Aħna nħobbuk, għall-ġid li għamilt magħna*
*Għax int ħabbejt lill-Malti, għalkemm tabib,*
*Għax waqqaft Għaqda, fl-*Alma Mater *tagħna,*
*Flimkien ma' sieħbek ieħor, li tagħha kien ħabib.*

*Missierna kbir, jekk minna l-mewt firditek,*
*Tagħlix, tibkix, għax bija le qerditek!*